# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 4 ta' Ġunju, 2013, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

2. Din il-laqgħa kellha ssir nhar it-28 ta' Mejju, pero' kellha tiġi posposta għaliex għal dak in-nhar il-KLM ippospona il-ħarġa t'Għawdex, u fl-istess ġurnata wkoll kienet tagħlaq l-offerta pubblika tal-Perit u l-kwotazzjoni tal-qsari tal-ħaġar u l-bankijiet. Madankollu din il-laqgħa wkoll bdiet tard għaliex fis-6:30pm infetħu l-offerta tal-perit u dik tal-bankijiet. Peress li sadanittant laħqu għalqu l-offerti tat-taħriġ għall-istaff u għal sistema tal-computer ta' Valerie Galea, u wkoll tal-book box, il-laqgħa bdiet fis-7:45pm u dawn il-kwotazzjonijiet se jinfetħu darb'oħra.

3. Kienu approvati l-minuti bil-korrezzjonijiet li riedu l-kunsillieri u dawn ġew iffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI

4. B'referenza għall-ħarġa għal Għawdex li tmexxiet mit-22 għat-28 ta' Mejju mingħajr ma ġiet infurmata Charlene Zammit u membri oħra tal-KLM, Charlene Zammit qalet li fil-futur għandu jiġi kkonsultat il-Kunsill kollu qabel issir xi bidla..

5. Dwar l-artikli tal-fuljett, is-Sindku qal li dawn ma jistgħux ikunu aktar minn 340 kelma. Hawn Charlene Zammit qalet li sotto kumitat ad hoc jista' jgħin biex l-affarijiet isiru aħjar, filwaqt li s-SE qal li għat-Tagħrif Ġenerali skont it-*template* li pprovda s-Sindku, hu kien ipprepara l-*Audited Financial Statements* 2012 biex ftit tal-ħin qabel il-laqgħa ingħata struzzjonijiet ħalli jitneħħew u jingħataw aktar prominenza l-avviżi tal-KLM. Hu sostna illi fil-waqt li m'għandu l-ebda' oġġezzjoni, l-artwork tal-fuljett jiddependi fuq l-istampatur u jista' jitfagħna aktar lura fil-ħin tat-tqassim tal-fuljett. Is-Sindku qal li din il-bidla fl-aħħar mumenti kienet neċessarja għaliex il-pubbliku mhux billi tgħidlu li se jsir kors fil-pe. *fabric manipulation*, jew l-*egg creation*, u ma jkunx qed jara' r-riżultat b'ritratt.

6. Dwar il-minuti tal-KLM intqal illi jekk ikun hemm korrezzjoni fil-minuti li tkun se tbiddel is-sens tal-artiklu kollu, din għandha tintbgħat lis-SE biex tkun diskussa mas-Sindku minn qabel ma tinżamm il-laqgħa.

7. Għal ħarġa t'Għawdex il-kunsillieri assenti talbu illi jkunu skużati minħabba mpenji oħra li nqalgħulhom filwaqt li s-Sindku qal li għaliha attendew 140 ruħ, filwaqt li l-ikel kien tajjeb fejn spikka l-aktar l-ambjent sabiħ tal-*Country Terrace Restaurant*. Is-Sindku qal li hu pprovda ħafna rigali b'xejn li ttellgħu kollha lil dawk preżenti li ħadu ħafna gost bihom filwaqt li l-flus li ħarġu fit-tombla erġajna tajnihomlhom lura f'rigali.

8. Għat-talba li ppreżentajna biex isir *traffic management* fl-inħawi fejn Triq Ħal Kirkop tagħqad ma Triq iż-Żurrieq f'tarf Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, *Transport Malta* talbu diżinn aktar

dettaljat minn *sketch* u li dan jista' jsir biss minn perit professjonali. Għaldaqstant, kif nagħżlu l-offerta tal-perit, il-KLM irid jibgħatilhom il-pjanta *to scale*.

9. Dwar ir-rotta proposta għat-trasport pubbliku li terġa' tgħaddi minn Triq Santa Katerina, Paul Spiteri staqsa jekk hux se jonqsu l-*parking slots* f'din it-triq minħabba li l-Arriva qed joperaw b'vetturi kbar ġaladarba qed jiġi propost li ssir devjazzjoni mir-rotta preżenti fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Hawn is-Sindku qal li dawn aktarx se jonqsu bi dritt Sqaq Numru 2, Triq Sta Katerina, Nicky Briffa qal li l-problema li nħolqot oriġinat fuq il-Mentna għaliex qed ikun hemm waqfien ta' traffiku f'din il-*junction* sakemm tgħabbi u tħott minn Triq tas-Sejba.

10. B'riferenza għall-Gal Xlokk, Charlene Zammit qalet illi fondi għal din is-sena m'hemmx, u bħal issa hemm ċans li napplikaw għal fondi Ewropej għal proġett biex in-nies jgħinu t-tfal fit-trobbija u l-istudju, u mhux biex iseħħ xi proġett infrastrutturali.

11. Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet ukoll imħabbra f'din l-ewwel ħarġa tal-fuljett u għamel aċċenn għal-laqgħa li kellu hu u s-SE mas-Sur George Coleiro li hu inkarigat mill-*Floriana Training Centre* (Ospizio). Dawn il-korsijiet huma mmirati għal dawk li qed ifittxu impjieg biex fost l-oħrajn jitħarrġu fis-snajja tal-*plumbing* fil-jiem tax-xitwa fil-għodu, għall-eta' ta' bejn 13 u 20 sena.

12. Nicholas Briffa tkellem dwar il-bandli fejn qal illi d-dipartiment għall-Gvern Lokali baqa' ma ħariġx il-fondi neċessarji biex jissewwew il-bandli filwaqt li dawn baqgħu jikkummissjonaw rapporti sal-ġimgħa l-oħra stess, bi spezzjonijiet mill-uffiċjali tal-MCCAA. Hu qal illi bil-boq's oriġinali tal-Perit Bezzina li kienu jiswew għal €40,000, hu mpossibbli li nsibu dawn ir-riżorsi kollha mill-allokazzjoni tal-KLM. Is-Sindku qal li l-modifiki li se jsiru f'Misraħ il-Fidwa se jkunu minuri filwaqt illi l-proġett se jkun jinkludi ferrovija żgħira fuq il-binarji.

13. Dwar il-konkos bħala partijiet mix-xogħlijiet li saru f'Tas-Sejba, Michel Farrugia qal illi l-KLM daħal fil-propjeta' ta' sid il-barriera u seta' ffranka mill-ispiża li tidher fil-*payment approval sheet* numru 463 item 10 li kienet approvata mill-KLM fi tmiem is-seduta, minbarra item 15. Hawn is-Sindku qal li dan ix-xogħol kien imissu sar minn *Transport Malta* qabel l-elezzjoni meta rranġaw it-triq u injoraw il-bankini. Hu qal li ma kienx ikun għaqli li kieku naqqasna mill-konkos u ħallejna imnejn jidħol l-ilma tax-xita minn taħt ir-rampa tal-barriera bil-konsegwenza li dan jinżel fid-dagħbien u terġa' tisfronda t-triq.

14. Nicholas Briffa semma' laqgħa li saret aktar fid-dettal mal-*E-Travel Solutions* fejn l-ewwel attivita' li fiha se jinġiebu it-turisti se ssir nhar id-19 ta' Ġunju. Hu qal li l-ewwel każin li se jospitawhom għall-ikel hu dak ta' Sta Marija bi ftehim mal-każin l-ieħor. F'din il-mawra se ssir żjara fil-postijiet storiċi minn dawn il-35-50 turist skont il-*heritage route* proposta f'Miżura 313. Hu qal li hemm l-intenzjoni illi f'Lulju se jiġi grupp ieħor. Għaldaqstant se ssir talba formali mis-SE sabiex jinfetaħ il-katakombi tal-Mentna minn *Heritage Malta* dak in-nhar bejn id-9:00am u l-10:00am.

15. Paul Spiteri semma' l-*Information Board* li kien hemm fil-Pjazza tal-Knisja u li kienet ivvandalizzata. Din kienet mitluba lill-MTA fil-laqgħa li kellna mas-Sur Oliver Farrugia diversi ġimgħat ilu fejn dawn issa qalu illi sabu xi diffikulta'. Is-SE qal li hu għandu stima għolja ħafna biex issir mill-ġdid din il-*panel* filwaqt li Nicholas Briffa qal li din se nagħmluha aħna.

16. Is-Sindku qal li bħal issa qed jitqassmu l-pakketti tal-boroż mill-kuntrattur *Green pak* f'kull dar. Hawn is-SE qal illi meta jmorru l-uffiċjali f'xi residenza u ma jsibu lil ħadd hemmhekk, dawn qed iħallu kupun li bih ir-residenti qed jiġu għall-pakkett tal-boroż fl-uffiċċju u qed ikun hawn ħafna nies li jiġu għalihom anke dawk li jkunu tilfu l-istess kupun.

17. Bil-bdil li se jsir fil-format tal-fuljett fl-avviżi, fosthom tal-korsijiet għas-sajf se nkunu qed nistennew rispons tajjeb tan-nies speċjalment għal dak tat-tisjir. Dan hemm il-ħsieb li jinżamm fl-Iskola Primarja minn Manuel, preżentatur ta' programm tat-televiżjoni popolari ta' *Aroma Kitchen,* wara li għandhom jiġu *akkwistati refridgerator u electric/gas hob.* Grace Marie Mallia qalet li l-kors tal-*Egg Decorations* fil-fatt jismu *Egg Creations* filwaqt li se jkun jiswa, €8 għal kull lezzjoni. Charlene Zammit qalet illi l-korsijiet tal-ETC huma b'xejn għal dawk illi għandhom minn €16-il sena 'l fuq. Filwaqt illi s-Sindku qal li l-kors tal-*make up* artists se jkun jiswa' €45. Dak tal-maġija se jkun mingħajr ħlas, u ser jagħmlu s-Sindku peress li għandu esperjenza fil-maġija.

18. Saret proposta biex il-KLM jipprova jakkwista approvazzjoni għal *parking bay* tal-*physically handicapped,* propju quddiem l-iskola fi Triq Valletta.

19. Issemmew ukoll ix-xogħlijiet li qed isiru minn kuntrattur fuq in-naħa ta' wara tal-Isptar il-Qadim, fejn jidher li ħadu biċċa minnu għat-triq li għad trid tinfetaħ. Is-Sindku hu tal-fehma li nkellmu lill-kuntrattur biex ineħħi t-terrapien minn din l-area.

AGENDA

20. Is-Sindku qal li r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena li ħejja s-SE se jkun diskuss u approvat fil-laqgħa li ġejja ta' ħmistax-il ġurnata oħra fl-istess ħin.

21. Għal-laqgħa mal-Onor Joe Mizzi, kienu preżenti is-Sindku u Grace Marie mallia u kienu skużati il-kunsillieri illi ma attendewx minħabba xi mpenji oħrajn filwaqt li l-KLM irrikonoxxa l-impenn ta' Paul Spiteri li ma laħaqx ġie għax kien għadu ġej mill-Qorti. F'din il-laqgħa l-KLM wera' x'inhuma l-preokkupazzjonijiet tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport pubbliku u l-bini tal-ġibjun ieħor fi Triq Xandru Farrugia, fost l-oħrajn. Is-Sindku faħħar il-proposta tal-Onor Mizzi tat-twaqqif tar-*Rapid Response Team* li se tkun qed titmexxa b'perit mid-distrett – għalhekk aktar qrib il-poplu.

22. Charlene Zammit qalet illi fi Triq Mons Alfons Caruana, hemm ħafna għelieqi mhux żviluppati u mhux imdawwra bil-ħitan. Hija qalet illi hemm bżonn li jittellgħu il-ħitan u għalhekk għandna nkellmu lis-sdidien ta' dawn l-għelieqi. F'każ li tibqa' ma tittiħidx azzjoni, l-ħitan għandhom jittellgħu għas-spejjeż tal-KLM u imbagħad min japplika għall-permess tal-MEPA jkollu jħallas lill-KLM. Intant, minħabba t-tfigħ ta' skart u ksur ieħor tal-liġi f'dawn l-inħawi, hija tkellmet dwar il-ħtieġa li titwaħħal *camera.* Plot oħra li nġibdet l-attenzjoni dwarha, tinsab fi Triq il-Mentna. Hemm min jaf ta' min hija l-istess propjeta' u ġiet diskussa l-possibilita' illi niktbu lis-sidien ħalli jtellgħu l-ħajt madwarha. Is-Sindku qal li mhux possibbli li l-Kunsill jidħol għal dawn l-ispejjeż u fejn inkunu nafu s-sidien, għandna nkellmuhom.

23. Michel Farrugia qal li quddiem Zahra, fl-inħawi tas-Sejba/Triq is-Siġġiewi, hemm ħafna ħaxix ħażin li jinħtieġ illi jinqata' sal-festa u l-KLM għandu jieħu passi biex ma jħallix lil min qed jaħraq l-iskart fil-kantuniera ma Triq Ħal Farruġ fejn dak li jkun qed ibigħ l-imqaret.

24. Bi tħejjija għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju kien approvat mill-ġdid il-pjan tat-traffiku li issa ilhu jaddotta l-KLM sa minn diversi snin ilu filwaqt li kienu approvati l-posti tal-kabbani kif kienu sa minn diversi snin ilu biż-żieda ta' oħrajn ġodda fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija (bejn Triq il-Barrieri u Triq Valletta). Dawn se jkunu vverifikati li irmaw fuq il-posti tagħhom mill-gwardjani li għal din is-sena se jkunu qed jaħdmu il-*Guard and Warden House.* Il-KLM se jkun qed jiffinanzja it-tieni gwardjan ma nżul ix-xemx skont l-ordnijiet li għandhom mill-Union tal-Gwardjani Lokali filwaqt li dawn se jħallu jidħlu 'l dawk kollha li jippreżentawlhom l-ID card, minn Triq Valletta, u se jsiru *passes* speċjali għal dawk li għandhom propjeta' fir-raħal. Hawn issemma' każ fejn dan l-aħħar minħabba parkeġġ bl-addoċċ, fi Triq il-Lanġasa kien hemm bżonn tidħol l-abbulanza u din ma setgħetx tidħol.

25. Grace Marie Mallia irrimarkat illi l-KLM jinħtieġ illi jagħmel manutenzjoni fi Triq it-Torri u li din titnaddaf sew. Is-Sindku qal li l-qtugħ tal-ħaxix sar.

26. Grace Marie Mallia semmiet il-ħsara fuq bozza. Charlene Zammit qalet illi hija tħoss li hija nuqqas ta' effiċjenza illi bozza f'Misraħ il-Fidwa kantuniera ma' Triq San Mikiel, għadha ma ssewwietx meta n-nies avżaw lil ħames kunsillieri. Is-SE qal illi hu ma jaqbilx li hija nuqqas ta' effiċjenza meta bħal issa qed jaħdem biss b'full timer waħda għaliex hemm oħra għadha kemm għamlet l-operazzjoni tal-ftuq, kien hawn ħafna ġenn addizzjonali fl-uffiċċju bil-biljetti tal-ħarġa t'Għawdex, għad hawn ħafna ġenn bil-problemi tal-permessi tal-kabbani li kulħadd jipprova jillixkak ħalli jekk jista' jkun jarma fuq iz-zuntier, u qed jitqassmu l-boroż tal-Greenpak. Hu ikkonkluda li hemm nuqqas ta' nformazzjoni bħan-numru ta' dar (li s'issa għadu mhux magħruf) quddiem il-bozza li qatt ma kien ikkwotat għax fis-*site plan* tal-Korporazzjoni Enemalta ma jistax isib min hu Marvin u lanqas in-numru/isem tad-dar tiegħu. Barra minn hekk, minkejja li bozza tkun imdendla mal-ħajt u għaldaqstant tal-kuntrattur tal-Kunsill (approvat imqabbad issa mir-reġjun u mhux xi direct order), li jista' jinbidel jekk il-KLM jiddeċiedi li joħroġ tender għal rasu u ma jsegwix l-istruzzjonijiet tar-Reġjun Nofs-in-nhar, din jista' jkollha l-ħsara bejn il-linji u d-*demarcation switch* tal-Korporazzjoni Enemalta. Hawn issemmew ukoll iz-*zebra crossing* tal-by-pass li huma wkoll mitfija (dejjem triq arterja u għalhekk fir-responsabbilita' ta' Transport Malta.

27. Dwar id-dewmien tal-mera li kienet proposta li titwaħħal quddiem Sqaq Numru 4 fi Triq il-Parroċċa, is-SE qal li hu lest li jwaħħal dak li hawn fis-suq, mera fi triq dejqa ta' madwar metru dijametru. Madankollu hu qal li mhux lest li jagħmel dan meta ma jagħtihiex aktar minn ftit sigħat ma titkisser b'vettura kbira. Għaldaqstant irrakkomanda illi tinbidel ma oħra li għandha tinqala' minn xi mkien ieħor b'dijametru iżgħar.

28. Charlene Zammit qalet illi tixtieq tkun taf aktar dwar it-talba biex issir kaxxa tal-ittri oħra fl-inħawi ta' Misraħ il-Fidwa.

29. Charlene Zammit qalet illi f'Ottubru irridu ndaħħlu l-applikazzjoni tagħna tal-*Youth in Action*, filwaqt li tkellmet dwar proġett li nistgħu napplikaw għalih taħt il-*Youth Initiative* fejn ikollna allokati għalih €5,200. Dan jinvolvi kors tal-fotografija u konkors bejn il-parteċipanti fejn se jkunu n-nies li jagħżlu r-ritratti biex napploadjawhom fuq is-sit elettroniku u li minnhom nagħmlu *postcards* biex dawn jitqassmu lit-turisti fil-Belt. Is-Sindku qal li dan il-proġett se jiġi diskuss aktar 'il quddiem.

30. Nicky Briffa semma' il-laqgħa tas-Sindku li saret nhar il-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li attendew għaliha hu u d-Deputat Sindku. Hu qal illi matul il-laqgħa kien diskuss *survey* dwar kif jaħsbuha n-nies fuq il-kunsilli filwaqt li ma kellux ċans iressaq il-mozzjoni dwar is-*ceiling* baxx tad-*direct order*/kwotazzjoni/*tender* eċċ, iżda intervjena mill-inqas erba' darbiet.

31. Nicholas Briffa qal illi il-ħaddiema tagħna tal-IPSL kif ukoll il-*Community Works Scheme* verament għandhom bżonn vann għall-użu tagħhom. Aktar 'il quddiem se nġibu l-kwotazzjonijiet.

32. Fi tmiem din is-seduta intqal illi r-Reġjun Nofsinhar se jirrifondi nofs l-ispejjeż tal-gwardjani li Kunsill ikun qed jagħmel biex jorganizza attivita'. Għaldaqstant se nippruvaw napplikaw biex dawn itaffu xi ftit l-ispiża tal-gwardjani lokali nhar u lejlet il-festa tal-Madonna tal-Ġilju għalkemm din m'hix attivita' tal-KLM. Intant issemmew l-istediniet ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju fejn se jkun hemm il-programm strumentali fuq il-planċieru dik tal-Ħadd fejn il-KLM se jkun qed jagħti *drink* lil bandisti.

33. Is-Sindku semma' l-*hearing* tal-MEPA dwar *change of use* ta' permess PA3239/06 ta' barriera għal *open storage yard* li se jinżamm nhar l-20 ta' Ġunju, 2013 kif ukoll il-*Greenpak awards* li dawru d-data u issa dawn se jingħataw aktar tard.

34. Nicholas Briffa qal illi l-fondi pendenti li hemm għand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se jkunu kollha allokati biex isir il-proġett tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa. Minn naħa tagħna se nkomplu nisħqu biex inġibu dawn il-flus, fix-xhur li ġejjin.

35. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba be ħsiebu jorganizza l-attivita' L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien l-ewwel Ħadd ta' Ottubru fil-għodu biex jiffranka id-dawl tal-illuminazzjoni tat-toroq u l-armar tiegħu minħabba li tnaqqsulu l-fondi mill-Gvern Ċentrali preċedenti. Is-SE se jagħmel it-talba formali lid-Dipartiment Gvern Lokali.

36. Il-laqgħa spiċċat 10:45pm.

| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*18/06/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |
|---|---|---|---|